# Vincenzo Ciappara: 125 sena minn twelidu



## Daniel Vella

Magħruf l-aktar għall-imħabba kbira li għandu lejn il-baned u l-marċi Maltin, huwa preżentament jipproduċi u jippreżenta diversi programmi ta' marċi fuq stazzjonijiet radjufoniċi, fosthom dak nazzjonali u dawk f'irħula Maltin. Huwa wkoll jiġi mistieden jippreżenta kunċerti u programmi mużikali imtellgħin minn għaqdiet mużikali madwar Malta.

Vincenzo Ciappara twieled fil-Belt Valletta nhar is-6 ta' Novembru 1890 minn Carmelo u Paola neè Psaila. Ta' għaxar snin Vincenzo kien student il-Liċeo, iżda wara li missieru rebaħ vjolin, huwa tħajjar jitgħallem il-mużika. Meta kellu erbatax-il sena beda jdoqq il-vjolin fil-knejjes u daħal fil-kappella ta' Mro. Anton Nani. Bejn l-1907 u l-1939 kien idoqq mal-orkestra tat-Tejatru Rjal. Matul l-aħħar tmintax-il sena huwa kien il-professur tal-vjola tal-istess tejatru b'rakkomandazzjoni tal-Impressarju l-Kav. De Lancellotti. Vincenzo baqa' jistudja l-mużika, l-ewwel waħdu u mbagħad fl-Istitut ta' Pawlinu Vassallo. Aktar tard tgħallem l-armonija u l-orkestrazzjoni taħt Mro. Karlu Diacono u żied tkisser fl-istrumentazzjoni tal-banda taħt Mro. Aurelio Doncich. Mill-1928 Vincenzo Ciappara baqa' Surmast Direttur tal-Banda Konti Ruġġieru sal-1978.

Fuq parir ta' Mro. Karlu Diacono, Vincenzo Ciappara beda jidderieġi l-orkestri. Idderieġa fit-Tejatru Rjal u f'tejatri oħra, f'diversi knejjes fosthom fil-Kolleġġjata tar-Rabat u bl-approvazzjoni tal-Arċisqof għal tliet snin huwa għamilha ta' sostitut *Maestro di Cappella* tal-Kattidral. Vincenzo Ciappara kien Surmast Direttur tal-baned Annunzjata (Ħal Tarxien), De Rohan (Ħaż Żebbuġ), La Vittoria (il-Mellieħa), Prince of Wales (il-Birgu) u King's Own (il-Belt Valletta). Ġie mitlub ukoll biex jidderieġi l-baned La Stella u Leone tar-Rabat Għawdex kif ukoll *concerts* u operetti tal-*Bank Sports Association* u l-*ballets* mill-allievi tal-Prinċipessa Poutiantine Tabone. Il-Kumitat tal-Banda King's Own wara li Ciappara kien ilu jidderieġi din il-banda għal sentejn talbu biex jibqa' Direttur tal-Banda, iżda Ciappara ma aċċettax għax huwa kien diġà Surmast Direttur tal-Banda Konti Ruġġieru u din il-banda Rabtija għalih kienet diġà l-ewwel.

Interessanti li matul dawn il-ħamsin sena l-Banda Konti Ruġġieru għamlet suċċessi kbar. Jibqgħu jissemmew fost tant programmi vokali u strumentali dawk tal-1930 meta iżżanżnet l-istrumentatura l-ġdida tal-banda, fl-1935 meta l-Banda Konti Ruġġieru ħadet sehem fil-Ġublew tal-Fidda tar-Re Ġorġ V, l-1938 meta ndaqq l-Innu lir-Rebbieħa tal-1565 kompożizzjoni ta' Ciappara fil-Pjazza tal-Palazz fil-Belt Valletta, l-1944 għall-okkażjoni ta' għeluq l-75 sena tal-Banda Konti Ruġġieru, l-1947 meta ndaqqet il-famuża Sinfonija numru 5 ta' Beethoven, l-1960 għall-okkażjoni taċ-Ċentinarju Pawlin u l-1969 meta l-Banda Konti Ruġġieru ċċelebrat il-100 sena mit-twaqqif uffiċċjali tagħha.



Is-Surmast Ciappara iżda ma kellux id-don tad-direzzjoni biss. Huwa kompożitur ta' għadd kbir ta' marċi brijjużi. Insemmgħu li f'dan il-qasam huwa kellu suċċessi kbar. Il-marċi tiegħu *Lilibet*, *Victory* u *Coronation March 1953* li huwa kiteb għall-Banda Konti Ruġġieru kienu ġew ikklassifikati l-ewwel f'konkorsi mnehdija mill-BBC.

Ikkompona bosta innijiet fosthom *Innu Popolari lil San Pawl* (1946), *Innu lil Kristu Rxoxt* (1974) u *Innu Marċ lill-Konti Ruġġieru* (1976). Insibu numru sabiħ ta' marċi funebri li Ciappara kiteb ukoll għall-Banda Konti Ruġġieru fosthom *In Memoriam* li hu ddedikat lill-bandisti mejtin u *Mater Dolorosa*. Ikkompona ukoll *Livia* fantasija oriġinali, *Amore e Musica*, *Vicino al Mare*, *Sorrisi*, *Bianca e Rossa*, *Malta* u *Anima e Pace*, ilkoll marċi sinfoniċi, l-intermezz *Un Mazzo di Fiori* u l-preludju in Re *Empire Unity* li ġie esegwit ukoll fil-*British Institute*. Kiteb ukoll xogħolijiet sagri bħal quddies, *Tantum Ergo*, antifoni *Sactae Paule* kif ukoll l-Innu tat-tridu ta' San Pawl.

Fl-1974 Vincenzo Ciappara talab lill-Kumitat tal-Banda Konti Ruġġieru biex jiġi magħżul is-suċċessur tiegħu. Għalkemm Ciappara kien irtira mid-direzzjoni, huwa baqa' attiv bil-kitba ġdida u arranġamenti ta' mużika.

Vincenzo Ciappara miet nhar il-Ħadd 29 ta' Lulju 1979 fl-età ta' 89 sena. Fil-funeral tiegħu li sar ġewwa r-Rabat kienet akkumpanjat il-Banda Konti Ruġġieru u kienu bosta l-baned li ġew biex jagħtuh l-aħħar tislima.

Bħal diversi baned madwar pajjiżna l-Banda Sagra Familja tal-Kalkara fir-rekordings tagħha mhux l-ewwel darba li rrekordjat marċi brijużi mill-pinna ta' dan Surmast, magħruf bħala "ir-re tal-marċi Maltin." Fost dawn insemmgħu *Victory* fir-rekording tal-1988, *Stella* fir-rekording tal-1997 u *Bonpacello* fir-rekording tal-2012.

Il-festa t-tajba lil kulħadd!